Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1356/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**KONTRA**

**JAMAL MUFTAH SALEM BELKHEIR TA' 38 SENA IBEN MUFTAH SALEM BELKHEIR U SALMA SHATI, IMWIELED LIBJA FIT-13 TA' FRAR, 1974, U JIRRISJEDI F'INDIRIZZ MHUX MAGHRUF, NUMRU TAL-KARTA TAL-IDENTITA' 19809A**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi JAMAL MUFTAH SALEM BELKHEIR li gie akkuzat talli:


Qrati tal-Gustizzja

fis-27 ta' Dicembru, 2012 ghall-habta tal-11 p.m. fil-Hamrun ikkommetta serq ta' stereo minn gewwa vettura ta' l-ghamla Citroen bin-numru tar-registrazzjoni MAL-021, liema serq, li huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin, valur u xorta tal-haga misruqa, sar ghad-dannu ta' Joseph Vella mir-Rabat Ghawdex u/jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi laqa' ghandu hwejjeg, u cioe l-istereo imsemmi aktar 'l fuq, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe kisser il-hgiega tal-karozza imsemmi aktar il-fuq, liema hsara teccedi €116.47 izda ma teccedix €1164.69;

Akkuzat aktar talli fil-jiem ta' qabel is-27 ta' Dicembru, 2012 f'dawn il-gzejjer bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe dak ta' serq aggravat ta' stereo minn go vettura ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

Fl-ahharnett akkuzat talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-ammissjoni tal-imputat.

Rat li l-imputat zamm ferm l-ammissjoni minnu registrata wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jahseb fuq l-istess.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Rat l-artikoli 261, 263, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 41, 49, 50 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ tmintax(18)–il xahar.

Tilliberah mill-akkuza ta’ ricettazzjoni (Art 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta), in kwantu wahda alternattiva.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------